Nru./No. 19,475
Prezz/Price
€3.60

Gazzetta tal-Gvern ta' Malta
The Malta Government Gazette

Il-Ġimgħa, 18 ta' Settembru, 2015
Friday, 18th September, 2015

Pubblikata b'Awtorità
Published by Authority

SOMMARJU – SUMMARY

Notifikazzjonijiet tal-Gvern ..... 13,537 - 13,546
Government Notices ..... *13,537 - 13,546*

Avviżi tal-Pulizija ..... 13,546 - 13,550
Police Notices ..... *13,546 - 13,550*

Avviżi lill-Baħħara ..... 13,550 - 13,551
Notices to Mariners ..... *13,550 - 13,551*

Avviżi tal-Gvern ..... 13,551 - 13,554
Notices ..... *13,551 - 13,554*

Offerti ..... 13,555 - 13,600
Tenders ..... *13,555 - 13,600*

Avviżi tal-Qorti ..... 13,600 - 13,612
Court Notices ..... *13,600 - 13,612*

NOTIFIKAZZJONIJIET TAL-GVERN

Nru. 894

IL-PRESIDENT TA' MALTA TERĠA' LURA FUQ DMIRIJIETHA

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd illi l-President ta' Malta reġgħet daħlet għall-qadi tad-dmirijiet tal-Kariga tagħha ta' President nhar il-Ħamis, 17 ta' Settembru, 2015.

Is-Sa Dolores Cristina ma baqgħetx taqdi l-funzjonijiet ta' President.

It-18 ta' Settembru, 2015

Nru. 895

AĠENT PRIM MINISTRU

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd illi, fuq il-parir tal-Prim Ministru, il-President ta' Malta ordnat illi l-Onor. George Vella, MD, Cert. GAM (UK), MP, Ministru għall-Affarijiet Barranin, jassumi d-dmirijiet addizzjonali ta' Prim Ministru, nhar il-Ħamis, is-17 ta' Settembru, 2015 matul l-assenza minn Malta tal-Onor. Joseph Muscat, KUOM, B Com, BA (Hons), MA (European Studies), PhD (Bristol), MP.

Is-16 ta' Settembru, 2015
(OPM/81/2013/IX)

Nru. 896

TRIBUNAL TA' APPELLI DWAR IL-LIĊENZI TAL-PULIZIJA

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd illi bis-saħħa tas-setgħat mogħtija bl-Avviż Legali 222 tal-2007, il-Ministru għall-Intern u s-Sigurtà Nazzjonali għoġbu japprova l-ħatriet fuq it-Tribunal ta' Appelli dwar il-Liċenzi tal-Pulizija.

President
Is-Sur Ray Attard, B.Eng. (Hons) Eng. Surv.

Assessuri
Is-Sur Michael Desira, B.A. (Hum. Sc), MBA(Henley)
Is-Sa Antoinette Cassar
Is-Sa Julie Gatt

Segretarja
Is-Sa Ninette Sammut, M. Cons

Dawn il-ħatriet jidħlu fis-seħħ fit-18 ta' Settembru, 2015 għal perjodu ta' sentejn.

It-18 ta' Settembru, 2015

GOVERNMENT NOTICES

No. 894

RESUMPTION OF DUTIES BY THE PRESIDENT OF MALTA

IT is notified for general information that the President of Malta has resumed the functions of the Office of the President on Thursday, 17th September, 2015.

Mrs Dolores Cristina has ceased to perform the functions of President.

18th September, 2015

No. 895

ACTING PRIME MINISTER

IT is notified for general information that, acting on the advice of the Prime Minister, the President of Malta has directed that the Hon. George Vella, MD, Cert. GAM (UK), MP, Minister for Foreign Affairs, assumes the additional duties of the Prime Minister, on Thursday, 17th September, 2015, during the absence from Malta of the Hon. Joseph Muscat, KUOM, B Com, BA (Hons), MA (European Studies), PhD (Bristol), MP.

16th September, 2015

No. 896

POLICE LICENCES APPEALS TRIBUNAL

IT is hereby notified that in exercise of the powers conferred by Legal Notice 222 of 2007, the Minister for Home Affairs and National Security has approved the following composition of the Police Licences Appeals Tribunal.

President
Mr Ray Attard, B.Eng. (Hons) Eng. Surv.

Assessors
Mr Michael Desira, BA (Hum. Sc), MBA(Henley)
Ms Antoinette Cassar
Ms Julie Gatt

Secretary
Ms Ninette Sammut, M. Cons

These appointments come into force with effect from the 18th September, 2015 for a period of two years.

18th September, 2015

Nru. 897

BORD TAL-ĦABS GĦALL-IMMANIĠĠJAR TAR-RIJABILITAZZJONI MILL-VIZZJI

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd illi l-Ministru għall-Intern u s-Sigurtà Nazzjonali ħatar lis-Sa Fleur Bianco, MCouns, PG Dip. Gest. Psy., BA (Hons)., Dip. SW bħala membru fuq il-Bord tal-Ħabs għall-Immaniġġjar tar-Rijabilitazzjoni mill-Vizzji, maħtura skont ir-Regolamenti tal-Ħabs kif emendati bl-Avviż Legali Nru. 435 tal-2012, għal sena b'seħħ mit-30 ta' Lulju, 2015.

It-18 ta' Settembru, 2015

No. 897

PRISON ADDICTION REHABILITATION MANAGEMENT BOARD

IT is hereby notified for general information that the Minister for Home Affairs and National Security has appointed a new member Ms Fleur Bianco, MCouns, PG Dip. Gest. Psy., BA (Hons)., Dip. SW on the Prison Addiction Rehabilitation Management Board, in terms of the Prison Regulations as amended by Legal Notice No. 435 of 2012, for a year with effect from 30th July, 2015.

18th September, 2015

Nru. 898

ATT DWAR L-GĦAQDIET KOPERATTIVI (KAP. 442)

NGHARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd li bis-saħħa tas-setgħat bl-artikoli 3 u 4 tal-Att dwar l-Għaqdiet Koperativi, u għall-finijiet ta' dak l-Att, il-Ministru għall-Ekonomija, Investiment u Intrapriżi Żgħar approva l-ħatra tal-Bord tal-Koperattivi sal-31 ta' Mejju, 2016 kif ġej:

Chairman
Is-Sur Paul Debono

Membri
Dr Jonathan Attard
Is-Sur Angelo Azzopardi
Is-Sur Joe Abela
Is-Sur Ivan V Buttigieg
Is-Sur Carmel Bugeja

Segretarja
Dr Lydia Abela

Dan l-Avviż jissostitwixxi n-Notifikazzjoni tal-Gvern 782 ippubblikat fil-Gazzetta tal-Gvern tal-14 ta' Awwissu, 2015.

It-18 ta' Settembru, 2015

No. 898

CO-OPERATIVE SOCIETIES ACT (CAP. 442)

IT is hereby notified for general information that in exercise of the powers conferred by articles 3 and 4 of the Co-operative Societies Act and for the purpose of the Act, the Minister for Economy, Investment and Small Business approved the appointment of the Co-Operatives Board up to 31st May, 2016 as follows:

Chairman
Mr Paul Debono

Members
Dr Jonathan Attard
Mr Angelo Azzopardi
Mr Joe Abela
Mr Ivan V Buttigieg
Mr Carmel Bugeja

Secretary
Dr Lydia Abela

This Notice repeals Government Notice 782 published in the Government Gazette of 14th August, 2015.

18th September, 2015

Nru. 899

PUBLIC BROADCASTING SERVICES LIMITED BORD EDITORJALI

Emenda

NGĦARRFU illi l-Ministru għall-Ġustizzja, Kultura u Gvern Lokali approva l-emenda li ġejja ta' membri tal-Bord Editorjali tal-Public Broadcasting Services Ltd.

No. 899

PUBLIC BROADCASTING SERVICES LIMITED EDITORIAL BOARD

Amendment

IT is notified that the Minister for Justice, Culture and Local Government has approved the following amendment of members of the Editorial Board of the Public Broadcasting Services Ltd.

Is-Sur Charles Flores għandu jissostitwixxi lis-Sur Felix Agius.

Din l-emenda hija b'seħħ mill-11 ta' Settembru, 2015 u valida sat-23 ta' April, 2017.

Il-15 ta' Settembru, 2015

Nru. 900

ATT DWAR L-AWTORITÀ TAD-DJAR
(KAP. 261)

Bord tal-Awtorità tad-Djar

NGĦARRFU b'din illi, skont l-artikoli 5 u 6 tal-Att dwar l-Awtorità tad-Djar, il-Ministru għall-Familja u Solidarjetà Soċjali approva l-ħatra tal-Bord tal-Awtorità tad-Djar għal perjodu ta' sena b'seħħ mit-18 ta' Awwissu, 2015, kif ġej:

Chairperson
Is-Sa Antoinette Vassallo

Viċi Chairperson
Is-Sur Robert Ducker

Membri
Is-Sur Kenneth Busuttil
Dr Ivan Grixti
Is-Sa Helen Mallia
Dr Vincent Moran
Is-Sa Margaret Quintano
Dr Philip Spiteri

Membru/Segretarja
Dr Beryl Buttigieg

It-18 ta' Settembru, 2015

Nru. 901

ĦATRA TA' AĠENT DIRETTUR ĠENERALI/REĠISTRATUR QRATI TRIBUNALI GĦAWDEX

IS-SEGRETARJU Permanenti fil-Ministeru għall-Ġustizzja, Kultura u Gvern Lokali approva l-ħatra temporanja li ġejja:

Mr Charles Flores is to substitute Mr Felix Agius.

This amendment is with effect from 11th September, 2015 and valid up to 23rd April, 2017.

15th September, 2015

No. 900

HOUSING AUTHORITY ACT
(CAP. 261)

Board of the Housing Authority

IT is hereby notified that, in terms of Articles 5 and 6 of the Housing Authority Act, the Minister for the Family and Social Solidarity has approved the appointment of the Board of the Housing Authority for a period of one year with effect from 18th August, 2015, as follows:

Chairperson
Ms Antoinette Vassallo

Deputy Chairperson
Mr Robert Ducker

Members
Mr Kenneth Busuttil
Dr Ivan Grixti
Ms Helen Mallia
Dr Vincent Moran
Ms Margaret Quintano
Dr Philip Spiteri

Member/Secretary
Dr Beryl Buttigieg,

18th September, 2015

No. 901

APPOINTMENT OF ACTING DIRECTOR GENERAL/REGISTRAR GOZO COURTS AND TRIBUNALS

THE Permanent Secretary in the Ministry for Justice, Culture and Local Government has approved the following acting appointment:

ISEM *NAME*	POŻIZZJONI *POSITION*	DIPARTIMENT *DEPARTMENT*	DATA *DATE*
Mr Emanuel Sciriha	Aġent Direttur Ġenerali/Reġistratur Qrati Tribunali Għawdex *Acting Director General/Registrar Gozo Courts and Tribunals*	Qrati tal-Ġustizzja *Courts of Justice*	17.9.2015 to 23.9.2015

It-18 ta' Settembru, 2015

18th September, 2015

Nru. 902

ATT DWAR IL-*BILLS* TAT-TEŻOR TA' MALTA (KAP. 133)

Avviż ta' Ħruġ ta' Kalendarju

Dan il-kalendarju juri t-tul ta' żmien għal kull *bill* tat-Teżor li se jinħareġ kull ġimgħa għax-xahar ta' Ottubru 2015 u li huwa ppubblikat mill-*Accountant General* skont u għall-finijiet ta' regolament 5 tar-Regolamenti tal-2007 dwar id-Dematerjalizzazzjoni tal-*Bills* tat-Teżor ta' Malta tal-Avviż Legali Nru. 59 tal-2007:

No. 902

MALTA TREASURY BILLS ACT (CAP. 133)

Notice of Issuance Calendar

The following calendar shows the tenor of individual weekly issues of Treasury bills for the month of October 2015 and is published by the Accountant General in terms of regulation 5 of the Malta Treasury Bills (Dematerialisation) Regulations, 2007 of Legal Notice No. 59 of 2007:

MONDAY	TUESDAY	WEDNESDAY	THURSDAY	FRIDAY
28 September	29 TB Tender Date	30	01 TB Issue of 28 days maturing 29 October 2015 and 91 days maturing 31 December 2015	02
05	06 TB Tender Date	07	08 TB Issue of 28 days maturing 5 November 2015	09
12	13 TB Tender Date	14	15 TB Issue of 28 days maturing 12 November 2015	16
19	20 TB Tender Date	21	22 TB Issue of 28 days maturing 19 November 2015 and 182 days maturing 21 April 2016	23
26	27 TB Tender Date	28	29 TB Issue of 28 days maturing 26 November 2015	30

Notes:

Note: TB = Treasury Bills

These notes shall apply for the T-Bills issued on or after 1st October 2015, that is after the lapse of the transition period ending on 30th September 2015.

1. Treasury Bills Auctions are held every Tuesday and successful bids are settled on the following Thursday on a T+2 settlement cycle.

2. When the auction date, or the settlement date, or any day in between the auction date and the settlement date falls on a non-business day, the auction takes place on the first business day of the same week.

3. Interest is always calculated on the actual number of days involved.

4. Bids on Tender forms which are available from the Treasury, are to reach the Treasury by 10.00 a.m. (CET) on the auction date. Such bids may either be transmitted by fax on 2596 7210, or by e-mail or directly at the Treasury – Floriana.

5. Only offers with a definite yield shall be considered.

6. 28 day tenor minimum amount is €250,000, other tenor €50,000. Above this minimum must be in multiples of €1,000.

7. With regard to the tenor, the following days will apply:

1 month	= 28 days	9 months	= 273 days
3 months	= 91 days	12 months	= 364 days
6 months	= 182 days		

8. The tenderer shall accept any portion of the sum for which he has tendered at the same yield as that for the whole amount he has tendered for.

9. The persons whose tenders are accepted or rejected under standard auctions will be informed on the same day on which the auction is held.

10. Settlement (T+2) of amount allotted is to be made by not later than 10.00 a.m CET on the date on which the relative Bills are dated. Settlement is to be made by bank transfer to the credit of the public account held with Central Bank of Malta as indicated on the Letter of Acceptance.

11. The Accountant General reserves the right of not accepting any tender. For further information please refer to the Malta Treasury Bills General Prospectus at (www.treasury.gov.mt).

18th September, 2015

Nru. 903

ATT TAL-2010 DWAR L-AMBJENT U L-IPPJANAR TAL-IŻVILUPP (ARTIKOLU 81)

Tneħħija ta' parti minn Proprjetà mil-Lista tal-Iskedar

B'REFERENZA għan-Notifikazzjoni tal-Gvern Nru. 400 (Gazzetta tal-Gvern Nru. 16,294 tal-25 ta' Ġunju, 1996) l-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar b'din tiddikjara li qiegħda tneħħi mil-Lista ta' Proprjetà Skedata, skont l-Artikolu 81 tal-Att tal-2010 dwar l-Ambjent u l-Ippjanar tal-Iżvilupp, il-proprjetà li ġejja msemmija hawn taħt (li tidher fuq il-mappa f'paġna 13,542) li oriġinarjament kienet skedata bħala ta' Żona ta' Importanza Ekoloġika u żona ta' lqugħ *(Buffer zone)* ta' Livell 3 u Żona ta' Sbuħija Naturali, jiġifieri:

Biċċa art bejn l-inħawi magħrufa bħala Taż-Żebbiegħa, Il-Faqqanija u Ta' Dmejrek viċin l-irdumijiet ta' madwar il-kosta minn Irdum Dikkiena sa Għar il-Ħamiem, limiti tas-Siġġiewi

Nhar l-20 ta' Awwissu, 2015, is-Segretarju Parlamentari għall-Ippjanar u Simplifikazzjoni Amministrattiva aċċetta li din il-proprjetà tiġi mneħħija mil-lista tal-iskedar.

L-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar teżerċita s-setgħat tagħha ta' twettiq, kif imfissra f'Artikoli 81, 86, 87, 88 u 90 tal-Att, fil-każ ta' xi ksur tad-dispożizzjonijiet tal-Att tal-2010 dwar l-Ambjent u l-Ippjanar tal-Iżvilupp f'dak li jirrigwarda proprjetà skedata.

It-18 ta' Settembru, 2015

No. 903

ENVIRONMENT AND DEVELOPMENT PLANNING ACT, 2010 (ARTICLE 81)

Part de-Scheduling of Property


WITH reference to Government Notice No. 400 (Government Gazette No. 16,294 of 25th June, 1996), the Malta Environment and Planning Authority declares that it is excluding from the list of scheduled property, in terms of Article 81 of the Environment and Development Planning Act, 2010, the following property, (as shown on site plan on page 13,542) originally scheduled as Area of Ecological Importance Level 3 buffer zone and Area of High Landscape Value namely:

Part of land between the areas known as Taż-Żebbiegħa, Il-Faqqanija and Ta' Dmejrek adjacent to the Coastal Cliffs from Irdum Dikkiena to Għar il-Ħamiem, limits of Siġġiewi

On 20th August, 2015, the Parliamentary Secretary for Planning and Simplification of Administrative Processes endorsed the removal of this property from the list of scheduled property.

The Malta Environment and Planning Authority will exercise its powers of enforcement, as set out in Articles 81, 86, 87, 88 and 90 of the Act, in the case of any contravention to the provisions of the Environment and Development Planning Act 2010 as regards to Scheduled Property.

18th September, 2015


St. Francis Ravelin
Floriana
www.mepa.org.mt
Tel:(+356)2290 0000
Fax:(+356)2290 2295
MEPA
Malta Environment & Planning Authority
(c) Copyright Planning Authority
Bounding Co-Ords of Map :-
Min E45,060, N66,980
Max E45,790, N67,540
Title :-
Descheduling of part of land between Taz-Zebbiegha, Il-Faqqanija and Ta' Dmejrek, l/o Siggiewi
Ref No. :- GF 124/08
Key :-
Descheduled land
Area of Ecological Importance Coastal Cliffs (Level 2) & Area of High Landscape Value Scheduling as per G.N. 400/96
Area of Ecological Importance Buffer Zone (Level 3) & Area of High Landscape Value Scheduling as per G.N. 400/96
Form No. :- MU004
N
Ta' Dmejrek
Misraħ il-Ħawt il-Kbir
Taz-Zebbiegħa
Il-Faqqanija
BARRIERA
BARRIERA
TRIQ TA' DMEJREK
0
50
100
150
200m

Nru. 904

**ORDINANZA (GĦELUQ)
DWAR IL-ĠONNA PUBBLIĊI
(KAP. 34)**

Il-Ġonna tal-Barrakka t'Isfel

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd illi bis-setgħa mogħtija lilu bl-Artikolu 2 tal-Ordinanza dwar l-Għeluq ta' Ġonna Pubbliċi (Kap. 34), id-Direttur tal-Agrikultura approva li nhar is-Sibt, 10 ta' Ottubru, 2015, il-Ġonna tal-Barrakka t'Isfel mill-4.00 p.m. ikunu magħluqa għall-pubbliku u jkunu taħt il-kontroll ta' E.C Meetings Co Ltd.

It-18 ta' Settembru, 2015

No. 904

**PUBLIC GARDENS (CLOSING)
ORDINANCE
(CAP. 34)**

Lower Barrakka Gardens

IT is notified for general information that as enabled by Article 2 of the Public Gardens (Closing) Ordinance (Cap. 34), the Director of Agriculture has approved that on Saturday, 10th October, 2015, from 4.00 p.m. the Lower Barrakka Gardens will be closed to the public and will be under the control of E.C Meetings Co Ltd.

18th September, 2015

Nru. 905

**ORDINANZA (GĦELUQ)
DWAR IL-ĠONNA PUBBLIĊI
(KAP. 34)**

Il-Ġonna tal-Barrakka t'Isfel

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd illi bis-setgħa mogħtija lilu bl-Artikolu 2 tal-Ordinanza dwar l-Għeluq ta' Ġonna Pubbliċi (Kap. 34), id-Direttur tal-Agrikultura approva li nhar is-Sibt, 17 ta' Ottubru, 2015, il-Ġonna tal-Barrakka t'Isfel, mis-7.00 a.m. sas-2.00 p.m. ikunu magħluqa għall-pubbliku u jkunu taħt il-kontroll ta' Royal Malta Yacht Club.

It-18 ta' Settembru, 2015

No. 905

**PUBLIC GARDENS (CLOSING)
ORDINANCE
(CAP. 34)**

Lower Barrakka Gardens

IT is notified for general information that as enabled by Article 2 of the Public Gardens (Closing) Ordinance (Cap. 34), the Director of Agriculture has approved that on Saturday, 17th October, 2015, from 7.00 a.m. to 2.00 p.m. the Lower Barrakka Gardens will be closed to the public and will be under the control of Royal Malta Yacht Club.

18th September, 2015

Nru. 906

AWTORITÀ GĦAT-TRASPORT F'MALTA

Triq il-Port Ħieles, Birżebbuġa

BIS-SAĦĦA tal-Artikolu erbatax (14) tal-Avviż Legali Nru. 29 tal-2010, l-Awtorità għat-Trasport f'Malta tgħarraf bl-intenzjoni tagħha li tlesti l-formazzjoni ta':

Parti minn Triq il-Port Ħieles, Birżebbuġa (murija fuq il-pjanta f'paġna 13,544).

Kull persuna illi skont il-liġi għandha l-obbligu li tifforma din it-triq (inkluż billi takkwista l-art neċessarja għall-istess formazzjoni) għandha sa ħmistax (15)-il jum mid-data tal-pubblikazzjoni ta' din in-Notifikazzjoni sabiex twettaq l-obbligi tagħha skont il-liġi. Fin-nuqqas, l-Awtorità għat-Trasport f'Malta tgħaddi sabiex tagħmel l-istess xogħol ta' formazzjoni hi stess skont is-saħħa lilha mogħtija mil-liġi u a spejjeż tal-persuni li huma legalment obbligati jifformaw it-triq.

It-18 ta' Settembru, 2015

No. 906

AUTHORITY FOR TRANSPORT IN MALTA

Triq il-Port Ħieles, Birżebbuġa

IN virtue of Article fourteen (14) of Legal Notice No. 29 of 2010, the Authority for Transport in Malta hereby notifies officially of its intention to complete the formation of:

Part of Triq il-Port Ħieles, Birżebbuġa (indicated on the site plan on page 13,544).

Any person who is obliged by law to form said road (including acquiring the land necessary for the same formation) has fifteen days from the date of the publication of this Notice within which to comply with his obligations at law. In default, the Authority for Transport in Malta shall itself proceed with the formation of this road in accordance with its powers at law and at the expense of those persons whose obligation it is to form the road.

18th September, 2015



Transport Malta Roads & Infrastructure Directorate		CHIEF OFFICER: S.GRIMA	PROJECT TITLE: BIRZEBBUGA
		ARCHITECT: A.C.	DRAWING TITLE: TRIQ IL-PORT HIELES SITE PLAN
		CHECKED BY: J.B.	DATE: NOVEMBER 2014 / FILE No: - / DRAWING No: -
PROJECT No: -	P:\Design\Common Area\Traffic Management\2014\Birzebbuga\2014 Birzebbuga.DWG	DRAWN BY: M.B.	SHEET SIZE: A4 / SCALE: 1: 2500 / REVISION: A / SHEET No: -

Nru. 907

ORDNI MILL-MINISTRU GĦALL-ĠUSTIZZJA, KULTURA U GVERN LOKALI

BIS-SAĦĦA tal-poteri mogħtija bl-Artikolu 113 tal-Kodiċi Ċivili (Kap. 16), il-Ministru għall-Ġustizzja, Kultura u Gvern Lokali għamel din l-Ordni li permezz tagħha l-Ordni ta' Adozzjoni datata 29 ta' Novembru, 1991 mogħtija mis-Sinjurija tagħha l-Imħallef Stephen O'Malley fil-Qorti Distrettwali ta' Yeovil, fl-Ingilterra, qiegħda tkun speċifikata bħala adozzjoni bejn pajjiż u ieħor tal-persuni hemmhekk imsemmija u dan a termini tal-Artikoli 113, 130 u 130A tal-Kodiċi Ċivili.

(Iff.) Owen Bonnici
Ministru għall-Ġustizzja,
Kultura u Gvern Lokali

It-18 ta' Settembru, 2015

No. 907

ORDER OF THE MINISTER FOR JUSTICE, CULTURE AND LOCAL GOVERNMENT

IN exercise of the powers conferred by Article 113 of the Civil Code (Cap. 16), the Minister for Justice, Culture and Local Government has made this Order whereby the Adoption Order dated 29th November, 1991 issued by the Honourable Judge Stephen O'Malley in the Yeovil Country Court, England, is being specified as an intercountry adoption of the person therein mentioned for the purposes of Articles 113, 130 and 130A of the Civil Code.

(Sgd) Owen Bonnici
Minister for Justice,
Culture and Local Government

18th September, 2015

Nru. 908

ORDNI MILL-MINISTRU GĦALL-ĠUSTIZZJA, KULTURA U GVERN LOKALI

BIS-SAĦĦA tal-poteri mogħtija bl-Artikolu 113 tal-Kodiċi Ċivili (Kap. 16), il-Ministru għall-Ġustizzja, Kultura u Gvern Lokali għamel din l-Ordni li permezz tagħha l-Ordni ta' Adozzjoni datata 29 ta' Settembru, 1989 mogħtija mis-Sinjurija tagħha l-Imħallef Stephen O'Malley fil-Qorti Distrettwali ta' Yeovil, fl-Ingilterra, qiegħda tkun speċifikata bħala adozzjoni bejn pajjiż u ieħor tal-persuni hemmhekk imsemmija u dan a termini tal-Artikoli 113, 130 u 130A tal-Kodiċi Ċivili.

(Iff.) Owen Bonnici
Ministru għall-Ġustizzja,
Kultura u Gvern Lokali

It-18 ta' Settembru, 2015

No. 908

ORDER OF THE MINISTER FOR JUSTICE, CULTURE AND LOCAL GOVERNMENT

IN exercise of the powers conferred by Article 113 of the Civil Code (Cap. 16), the Minister for Justice, Culture and Local Government has made this Order whereby the Adoption Order dated 29th September 1989 issued by the Honourable Judge Stephen O'Malley in the Yeovil Country Court, England, is being specified as an intercountry adoption of the person therein mentioned for the purposes of Articles 113, 130 and 130A of the Civil Code.

(Sgd) Owen Bonnici
Minister for Justice,
Culture and Local Government

18th September, 2015

Nru. 909

ATT DWAR IL-PROFESSJONI NUTARILI U L-ARKIVJI NUTARILI (KAP. 55)

Nomina ta' Nutar Delegat/Konservatur

NGĦARRFU b'din illi bis-saħħa tas-setgħat mogħtijin bl-Artikolu 20 tal-Att dwar il-Professjoni Nutarili u l-Arkivji Nutarili, il-Qorti tar-Reviżjoni Nutarili nnominat lin-Nutar Dr Marco Burlò bħala Nutar delegat u konservatur fl-atti tan-Nutar Dr Mark Anthony Debono, u dan għall-perjodu bejn it-18 ta' Settembru, 2015 u l-25 ta' Settembru, 2015.

Illum, 16 ta' Settembru, 2015.

JANET CALLEJA
Għar-Reġistratur Qorti tar-Reviżjoni tal-Atti Nutarili

No. 909

NOTARIAL PROFESSION AND NOTARIAL ARCHIVES ACT (CAP. 55)

Appointment of Notary Delegate/Keeper

IT is hereby notified that in exercise of the powers conferred by Article 20 of the Notarial Profession and Notarial Archives Act, the Court of Revision of Notarial Acts has appointed Notary Dr Marco Burlò to be Notary delegate and keeper of the Acts for Notary Dr Mark Anthony Debono, for the period between the 18th September, 2015 and the 25th September, 2015.

Today, 16th September, 2015

JANET CALLEJA
For the Registrar Court of Revision of Notarial Acts

Nru. 910

ATT DWAR IL-ĦADDIEMA D-DEHEB U L-ĦADDIEMA L-FIDDA (ARĠENTIERA) (KAP. 46)

IL-KUMMISSARJU tat-Taxxi Interni jgħarraf illi fid-data li tidher hawn taħt, il-prezz tad-deheb u l-fidda li fuqu huma bbażati l-valutazzjonijiet magħmulin mill-Konslu għall-Ħaddiema d-Deheb u l-Ħaddiema l-Fidda ġie ffissat għall-finijiet tal-artikolu 14 tal-imsemmi Att kif ġej:

Data *Date*	Deheb Pur Gramma *Pure Gold* *Grams*	Fidda Pura Gramma *Pure Silver* *Grams*
18.9.2015	€32.073	€0.446

It-18 ta' Settembru, 2015

No. 910

GOLDSMITHS AND SILVERSMITHS ACT (CAP. 46)

THE Commissioner of Inland Revenue notifies that on the date shown hereunder, the price of gold and silver on which valuations made by the Consuls for Goldsmiths and Silversmiths are based has been fixed for the purposes of article 14 of the said Act as follows:

18th September, 2015

AVVIŻ TAL-PULIZIJA

Nru. 142

Bis-saħħa tal-Artikolu 52 (1) tal-Ordinanza dwar ir-Regolament tat-Traffiku (Kap. 65), il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf illi l-vetturi tas-sewqan ma jkunux jistgħu jgħaddu mit-toroq imsemmija hawn taħt fid-dati u l-ħinijiet indikati.

Iż-Żejtun

Nhar il-Ħadd, 20 ta' Settembru, 2015 mill-4.00 p.m. 'il quddiem minn Misraħ Duminku Mintoff.

Vetturi li jinstabu jiksru l-ordni ta' dan l-avviż ikunu soġġetti li jiġu rmunkati.

Iż-Żurrieq

Nhar il-Ħadd, 20 ta' Settembru, 2015 mis-6.00 p.m. sad-9.30 p.m. minn Triq P.P. Saydon, Triq il-Ħaddiema, Triq l-Inġiniera, Triq iċ-Ċombini, Triq il-Kbira u Misraħ ir-Repubblika.

Vetturi li jinstabu jiksru l-ordni ta' dan l-avviż ikunu soġġetti li jiġu rmunkati.

Il-Qrendi

Nhar il-Ħadd, 20 ta' Settembru, 2015, mis-6.00 p.m. sat-8.30 p.m. minn Triq il-Parroċċa, Pjazza San Mattew, Triq il-Kbira, Triq is-Salvatur, Triq it-Torri, Triq San Nikola u Triq il-Parroċċa sa quddiem il-Knisja Parrokkjali.

POLICE NOTICE

No. 142

In virtue of Article 52 (1) of the Traffic Regulation Ordinance (Cap. 65), the Commissioner of Police hereby notifies that the transit of vehicles through the streets mentioned hereunder will be suspended up to the dates and times indicated.

Żejtun

On Sunday, 20th September, 2015 from 4.00 p.m. onwards through Misraħ Duminku Mintoff.

Any vehicles found parked in contravention to the order of this notice are liable to be towed away.

Żurrieq

On Sunday, 20th September, 2015 from 6.00 p.m. till 9.30 p.m. through Triq P.P. Saydon, Triq il-Ħaddiema, Triq l-Inġiniera, Triq iċ-Ċombini, Triq il-Kbira and Misraħ ir-Repubblika.

Any vehicles found parked in contravention to the order of this notice are liable to be towed away.

Qrendi

On Sunday, 20th September, 2015, from 6.00 p.m. till 8.30 p.m. through Triq il-Parroċċa, Pjazza San Mattew, Triq il-Kbira, Triq is-Salvatur, Triq it-Torri, Triq San Nikola and Triq il-Parroċċa up to the Parish Church.

Vetturi li jinstabu jiksru l-ordni ta' dan l-avviż ikunu soġġetti li jiġu rmunkati.

Ħal Kirkop

Nhar it-Tnejn, 21 ta' Settembru, 2015 sal-Ġimgħa, 25 ta' Settembru, 2015 mis-6.00 p.m. sat-8.00 p.m. minn Misraħ San Leonardu.

Vetturi li jinstabu jiksru l-ordni ta' dan l-avviż ikunu soġġetti li jiġu rmunkati.

Il-Mellieħa

Nhar l-Erbgħa, 23 ta' Settembru, 2015 mill-5.00 p.m. sal-10.00 p.m. minn Triq il-Kbira (minn ħdejn il-Mitħna) u Triq Ġorġ Borg Olivier (għall-Bitħa tas-Santwarju).

Nhar il-Ħadd, 4 ta' Ottubru, 2015 mill-4.30 p.m. sad-9.00 p.m. minn Triq Salvinu Vella, Triq l-Inkurunazzjoni, Misraħ iż-Żjara tal-Papa, Triq Ġorġ Borg Olivier, Triq Sant' Anna, Triq il-Parroċċa u Misraħ il-Parroċċa.

Vetturi li jinstabu jiksru l-ordni ta' dan l-avviż ikunu soġġetti li jiġu rmunkati.

Bormla

Nhar il-Ġimgħa, 2 ta' Ottubru, 2015 mill-5.00 p.m. 'il quddiem minn Triq il-Pellegrinaġġ, Pjazza Nattività, Triq l-Inkurunazzjoni u Misraħ Gavino Gulia.

Vetturi li jinstabu jiksru l-ordni ta' dan l-avviż ikunu soġġetti li jiġu rmunkati.

L-Isla

Nhar is-Sibt, 3 ta' Ottubru, 2015 mill-5.00 p.m. 'il quddiem minn Pjazza Benedittu XV, Triq l-Isqof Mattei, Triq il-Ħabs l-Antik, Triq iż-Żewġ Mini, Triq il-Kunċizzjoni u Triq il-Vitorja.

Vetturi li jinstabu jiksru l-ordni ta' dan l-avviż ikunu soġġetti li jiġu rmunkati.

Ħal Balzan

Nhar is-Sibt, 3 ta' Ottubru, 2015, mit-3.00 p.m. sat-8.30 p.m. minn Pjazza Bertu Fenech, Triq it-Tliet Knejjes, Triq il-Providenza u Triq il-Kbira.

Vetturi li jinstabu jiksru l-ordni ta' dan l-avviż ikunu soġġetti li jiġu rmunkati.

Any vehicles found parked in contravention to the order of this notice are liable to be towed away.

Ħal Kirkop

On Monday, 21st September, 2015 till Friday, 25th September, 2015 from 6.00 p.m. till 8.00 p.m. through Misraħ San Leonardu.

Any vehicles found parked in contravention to the order of this notice are liable to be towed away.

Mellieħa

On Wednesday, 23rd September, 2015 from 5.00 p.m. till 10.00 p.m. through Triq il-Kbira (near the Windmill) and Triq Ġorġ Borg Olivier (till the Sanctuary Yard).

On Sunday, 4th October, 2015 from 4.30 p.m. till 9.00 p.m. through Triq Salvinu Vella, Triq l-Inkurunazzjoni, Misraħ iż-Żjara tal-Papa, Triq Ġorġ Borg Olivier, Triq Sant' Anna, Triq il-Parroċċa and Misraħ il-Parroċċa.

Any vehicles found parked in contravention to the order of this notice are liable to be towed away.

Bormla

On Friday, 2nd October, 2015 from 5.00 p.m. onwards through Triq il-Pellegrinaġġ, Pjazza Nattività, Triq l-Inkurunazzjoni and Misraħ Gavino Gulia.

Any vehicles found parked in contravention to the order of this notice are liable to be towed away.

Isla

On Saturday, 3rd October, 2015 from 5.00 p.m. onwards through Pjazza Benedittu XV, Triq l-Isqof Mattei, Triq il-Ħabs l-Antik, Triq iż-Żewġ Mini, Triq il-Kunċizzjoni and Triq il-Vitorja.

Any vehicles found parked in contravention to the order of this notice are liable to be towed away.

Ħal Balzan

On Saturday, 3rd October, 2015, from 3.00 p.m. till 8.30 p.m. through Pjazza Bertu Fenech, Triq it-Tliet Knejjes, Triq il-Providenza and Triq il-Kbira.

Any vehicles found parked in contravention to the order of this notice are liable to be towed away.

Birżebbuġa

Nhar il-Ħadd, 4 ta' Ottubru, 2015 mill-4.00 p.m. 'il quddiem minn Triq il-Knisja, Triq il-Brolli, Triq Santa Rita, Triq Sant' Anġlu, Triq San Tumas, Misraħ ir-Repubblika, Triq il-31 ta' Marzu, Triq il-Kurat Fenech u Misraħ il-Knisja.

Vetturi li jinstabu jiksru l-ordni ta' dan l-avviż ikunu soġġetti li jiġu rmunkati.

It-18 ta' Settembru, 2015

AVVIŻ TAL-PULIZIJA

Nru. 143

Il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf li skont l-Avviż Legali 101/97, it-toroq li jidhru hawn taħt se jiġu klassifikati bħala *Tow Zones*, hekk kif indikat.

Bis-saħħa tal-Artikolu 52(1) tal-Ordinanza dwar ir-Regolament tat-Traffiku (Kap. 65), il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf li l-passaġġ u t-twaqqif ta' vetturi huwa pprojbit fit-toroq imsemmija hawn taħt fid-dati u ħinijiet indikati.

Ħal Luqa

Nhar is-Sibt, 26 ta' Settembru, 2015 u nhar il-Ħadd, 27 ta' Settembru, 2015, mis-6.00 a.m. sat-8.00 p.m. minn Triq Ħal Farruġ *one way* dħul minn fejn l-Express Trailers u m'hemmx dħul minn Ta' Kandja u minn Triq San Tumas iż-żewġ naħat.

Vetturi li jinstabu jiksru l-ordni ta' dan l-avviż ikunu soġġetti li jiġu rmunkati.

Il-Belt Valletta

Nhar is-Sibt, 19 ta' Settembru, 2015, mit-3.00 p.m. 'il quddiem mill-Pjazza tal-Evans.

Nhar il-Ħadd, 20 ta' Settembru, 2015, mis-2.00 p.m. sal-11.00 p.m. mill-parkeġġ tal-Bank Ċentrali, Triq il-Papa Piju V u Triq Ġlormu Cassar.

Nhar it-Tnejn, 21 ta' Settembru, 2015, mill-5.00 a.m. sas-1.00 p.m. mill-parkeġġ tal-Bank Ċentrali u Triq il-Papa Piju V.

Vetturi li jinstabu jiksru l-ordni ta' dan l-avviż ikunu soġġetti li jiġu rmunkati.

Floriana

Nhar it-Tnejn, 21 ta' Settembru 2015, mill-5.00 a.m. sas-1.00 p.m. minn Triq il-Mall minn Triq Vincenzo Dimech sal-Venda tal-Karozzi tal-Linja, Triq ir-Re Edwardu minn

Birżebbuġa

On Sunday, 4th October, 2015 from 4.00 p.m. onwards through Triq il-Knisja, Triq il-Brolli, Triq Santa Rita, Triq Sant' Anġlu, Triq San Tumas, Misraħ ir-Repubblika, Triq il-31 ta' Marzu, Triq il-Kurat Fenech and Misraħ il-Knisja.

Any vehicles found parked in contravention to the order of this notice are liable to be towed away.

18th September, 2015

POLICE NOTICE

No. 143

The Commissioner of Police hereby notifies that in terms of Legal Notice 101/97, the streets listed hereunder are to be classified as tow zones on the date and times indicated.

In virtue of Article 52(1) of the Traffic Regulation Ordinance (Cap. 65), the Commissioner of Police hereby notifies that the transit and stopping of vehicles through the streets mentioned hereunder is prohibited on the dates and times indicated.

Ħal Luqa

On Saturday, 26th September, 2015 and on Sunday, 27th September, 2015 from 6.00 a.m. till 8.00 p.m. through Triq Ħal Farruġ one way, entrance from near the Express Trailers and no entry from Ta' Kandja and from Triq San Tumas both sides.

Any vehicles found parked in contravention to the order of this notice are liable to be towed away.

Valletta

On Saturday, 19th September, 2015, as from 3.00 p.m. onwards through Pjazza tal-Evans.

On Sunday, 20th September, 2015, from 2.00 p.m. till 11.00 p.m. through Central Bank parking area, Triq il-Papa Piju V and Triq Ġlormu Cassar.

On Monday, 21st September, 2015, from 5.00 a.m. till 1.00 p.m. through Central Bank parking area and Triq il-Papa Piju V.

Any vehicles found parked in contravention to the order of this notice are liable to be towed away.

Floriana

On Monday, 21st September, 2015, from 5.00 a.m. till 1.00 p.m. through The Mall between Triq Vincenzo Dimech and the Bus Terminus, Triq ir-Re Edwardu between Triq

Triq l-Assedju l-Kbir sal-Venda tal-Karozzi tal-Linja, Triq l-Assedju l-Kbir minn Triq Sant'Anna sal-Ministeru tal-Edukazzjoni, Triq Sarria minn Pjazza San Publiju sa Triq l-Assedju l-Kbir, il-parkeġġ tal-Arena tal-Indipendenza, il-parkeġġ ta' Triq l-Assedju l-Kbir u l-parkeġġ iż-żgħir ta' ħdejn il-Fosos.

Nhar it-Tnejn, 21 ta' Settembru, 2015, mill-10.00 a.m. sas-1.00 p.m. minn Triq Nazzjonali kantuniera ma' Triq Robert Sammut, Triq Sarria kantuniera ma' Pjazza San Publiju, Triq l-Assedju l-Kbir kantuniera ma' Triq Sant' Anna, Triq l-Assedju l-Kbir kantuniera mal-parkeġġ ta' Hannibal Scicluna, Triq il-Mall kantuniera mal-Venda tal-Karozzi tal-Linja, Triq il-Mall kantuniera ma' Triq Vincenzo Dimech u Triq Vincenzo Dimech kantuniera ma' Pjazza San Kalċidonju.

Vetturi li jinstabu jiksru l-ordni ta' dan l-avviż ikunu soġġetti li jiġu rmunkati.

It-18 ta' Settembru, 2015

l-Assedju l-Kbir and the Bus Terminus, Triq l-Assedju l-Kbir between Triq Sant' Anna and Ministry of Education, Triq Sarria between Pjazza San Publiju and Triq l-Assedju l-Kbir, Independence Arena parking area, Triq l-Assedju l-Kbir parking area and Floriana Granaries parking area.

On Monday, 21st September, 2015, from 10.00 a.m. till 1.00 p.m. through Triq Nazzjonali corner with Triq Robert Sammut, Triq Sarria corner with Pjazza San Publiju, Triq l-Assedju l-Kbir corner with Triq Sant' Anna, Triq l-Assedju l-Kbir corner with Hannibal Scicluna parking area, The Mall corner with Bus Terminus, The Mall corner with Triq Vincenzo Dimech and Triq Vincenzo Dimech corner with Pjazza San Kalċidonju.

Any vehicles found parked in contravention to the order of this notice are liable to be towed away.

18th September, 2015

AVVIŻ TAL-PULIZIJA

Vetturi bi Status ta' Abbandunata/Ingombru

Il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf lill-pubbliku li l-vetturi msemmija hawn taħt inġabru għall-finijiet tal-Artikolu 7 (1) u (2), Leġiżlazzjoni Sussidjarja 65.13 (Regolamenti dwar l-Ikklampjar u t-Tneħħija ta' Vetturi bil-Mutur u Oġġetti tal-Ingombru).

POLICE NOTICE

Impound Vehicles with a Status of Derelict/Encumbrance

The Commissioner of Police notifies the general public that the following vehicles have been removed by virtue of Article 7 (1) and (2), of Subsidiary Legislation 65.13 (Clamping and Removal of Motor Vehicles and Encumbering Objects Regulations).

Nru. ta' Reġ. *Reg. No.*	Mudell *Make*	Data ta' Tneħħija *Date of Removal*	Lokalità *Location*	Ordni minn *Order by*	Raġuni *Reason*	NPS *NPS*
AX03 VNA	Skoda	09/09/15	Gżira	PS135 PC328	No License and Insurance	GHQ/TB/404/2015
AJ 893 PG	Mercedes	10/09/15	Paola	Insp Sergio Pisani PC121/PC957	No Licence and Insurance	GHQ/TB/410/2015
W544 RGU	Nissan	11/09/15	Ħamrun	PC121	No License and Insurance	GHQ/TB/413/2015
5-1491894	Chevrolet Van	11/09/15	Qormi	PC121	No License	GHQ/TB/415/2015
KD05 WPF	Toyota	11/09/15	Żebbuġ	PC121/PC1256	No License	GHQ/TB/416/2015
IBI 532	Toyota	11/09/15	Siġġiewi	PC121	Derelict Vehicle	GHQ/TB/414/2015
LV61 EUM	Mercedes	11/09/15	Żebbuġ	PC121	No License	GHQ/TB/417/2015
LA 04 WBW	Honda	12/09/15	Qormi	PC121	No License	GHQ/TB/419/2015
MU 51 OGF	Smart	12/09/15	Naxxar	PC1289	No License	GHQ/TB/421/2015

No Plates (CAG 592)	Hyundai	06/09/15	Floriana	PC1063	Derelict Vehicle	1/A/3618/2015
FBX 034	Mit Pajero	01/09/15	Siġġiewi	PC1039/PC1281	No License and Insurance	GHQ/RIU/24/2015
MTW 106	Peugeot	13/09/15	Marsa	PS539	Derelict Vehicle	GHQ/TB/380/2015
No Plates	Fiat Punto (Frame)	13/09/15	Birkirkara	PS539	Derelict Vehicle	GHQ/TB/394/2015

Dawn il-vetturi jinsabu fil-bitħa tal-garaxx tal-Pulizija fil-Foss ta' Notre Dame, Il-Furjana.

Aktar informazzjoni tinkiseb mill-Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija, Taqsima A.L.E., MT Garage, il-Foss ta' Notre Dame, Il-Furjana Tel: 2122 4001

Il-11 ta' Settembru, 2015

All the above listed vehicles are being kept at the Police Garage, in Notre Dame Ditch, Floriana

Further information can be obtained from the Police General Headquarters, A.L.E. and MT Garage Sections, Notre Dame Ditch, Floriana Tel: 2122 4001

11th September, 2015

TRANSPORT MALTA

Avviż Lokali lill-Baħħara Nru. 73 tal-2015

B'żieda mal-Għawma bejn il-Bajja tal-Mellieħa u l-Bajja ta' San Ġorġ

Id-Direttorat tal-Portijiet u *Yachting*, Transport Malta, jgħarraf lill-baħħara illi b'żieda mal-Avviż Lokali lill-Baħħara Nru. 67 tal-2015, il-Ladybird Foundation issa se jorganizzaw l-għawma u l-attività bil-kajjik nhar is-Sibt, 19 ta' Settembru, 2015.

L-għawwiema se jitilqu mill-bajja tal-Mellieħa għal ħabta tas-7.00 a.m. Huma se jgħumu ma' tul il-kosta tal-Lvant sar-Radisson Baypoint, San Ġiljan u mistennija jaslu għal ħabta tas-2.00 p.m. kif muri fuq iċ-*chart* li tinsab fuq il-*website* ta' Transport Malta (www.transport.gov.mt). Il-parteċipanti bil-kajjik se jitilqu mir-Radisson Baypoint resort għal ħabta tas-6.00 a.m. tas-Sibt, 19 ta' Settembru, 2015 u mistennija jirritornaw fl-istess post għal ħabta tad-9.00 p.m. Iż-żewġ attivitajiet isiru jekk it-temp jippermetti.

Bastimenti ta' għajnuna se jkunu qed jakkumpanjaw lill-għawwiema.

Il-baħħara huma avżati biex joqgħodu attenti u jbaħħru bil-mod u jżommu 'l bogħod miż-żona matul il-ħin imsemmi u jżommu distanza mill-għawwiema u l-kajjikki. Huma għandhom jobdu l-istruzzjonijiet maħruġa mill-Valletta Port Control (Valletta VTS).

Chart affettwata: BA 211A, 2537 u 2538

It-18 ta' Settembru, 2015

TRANSPORT MALTA

Local Notice to Mariners No. 73 of 2015

Further to Swimming Event Between Mellieħa Bay and St George's Bay

The Ports and Yachting Directorate, Transport Malta notifies mariners that further to Notice to Mariners No. 67 of 2015, due to forecast of inclement weather, the Ladybird Foundation will now be holding the swimming and kayak event on Saturday, 19th September, 2015.

The swimming participants will depart from Mellieħa bay at approximately 7.00 a.m. on Saturday, 19th September, 2015. They are to swim along the East coast towards the Radisson Baypoint, St. Julians they are expected to arrive at about 2.00 p.m. as shown on chart that can be found on Transport Malta's website (www.transport.gov.mt). The Kayak participants will depart from the Radisson Baypoint resort at about 6.00 a.m. on Saturday, 19th September, 2015 and expected to return to the same place at about 9.00 p.m. Both events are weather permitting.

Support vessels will accompany the participating swimmers.

Mariners are advised to keep a sharp lookout and navigate at slow speed and keep well clear of the area during the stipulated time giving the swimmers and kayakers a wide berth. They are to obey any instructions issued by Valletta Port Control (Valletta VTS)

Charts affected: BA 211A, 2537 and 2538

18th September, 2015

TRANSPORT MALTA

Avviż Lokali lill-Baħħara Nru. 74 tal-2015

Aktar Iffilmjar f'Lokalitajiet Differenti - Il-Kosta fil-Lvant u l-Punent ta' Malta

Id-Direttorat tal-Portijiet u *Yachting*, Transport Malta, jgħarraf lill-baħħara li b'żieda mal-Avviż Lokali lill-Baħħara Nru. 68 tal-2015 dwar attivitajiet ta' ffilmjar mal-kosta fil-Lvant u l-Punent ta' Malta bejn it-18 ta' Settembru, 2015 u l-24 ta' Settembru, 2015, f'każ ta' maltemp, l-iffilmjar li kien se jsir iċ-Ċirkewwa jista' jsir fil-Bajja tal-Mellieħa fl-inħawi indikati bħala punt C li toħroġ il-barra skont *chart* 3 li tinsab fuq il-*website* ta' Transport Malta (www.transport.gov.mt).

Minħabba dan ta' hawn fuq huwa meħtieġ li ma jkun hemm xejn fuq l-orizzont fid-dati u ħinijiet msemmija.

Il-baħħara li jkunu qed ibaħħru fl-inħawi indikati hawn fuq, huma mitluba jkunu attenti għal VHF Channel 12 u jikkoperaw mal-ekwipaġġ u l-pulizija li jkunu fl-inħawi. Huma għandhom jobdu l-istruzzjonijiet maħruġa mill-Valletta Port Control (Valletta VTS).

Chart affettwata: BA 194, 2537 u 2538.

It-18 ta' Settembru, 2015

TRANSPORT MALTA

Local Notice to Mariners No. 74 of 2015

Further Filming in Different Locations - Malta East and West Coast

The Ports and Yachting Directorate, Transport Malta notifies all mariners that further to Notice to Mariners No. 68 of 2015 regarding filming activities on the East and West Coast of Malta between the 18th September, 2015 and the 24th September, 2015, in case of inclement weather, the filming due in Ċirkewwa may take place at Mellieħa Bay in an area indicated as point C extending outwards as per chart 3 that can be found on Transport Malta's website (www.transport.gov.mt)

In view of the above, a clear horizon is required when filming on the above dates and times.

Mariners navigating in the areas indicated above, during filming, are requested to keep watch on VHF Channel 12 and cooperate with the crew and police in the area. They are to comply with instructions issued by Valletta Port Control (Valletta VTS).

Charts affected: BA 194, 2537 and 2538.

18th September, 2015

FORZI ARMATI TA' MALTA

Programm ta' Sparar Attiv f'Pembroke Ranges - Ottubru 2015

Il-Forzi Armati ta' Malta tgħarraf illi se jwettqu programm ta' sparar attiv minn Pembroke Ranges matul ix-xahar ta' Ottubru, 2015, fid-dati u l-ħinijiet indikati hawn taħt:

Nhar il-Ħamis, l-1 ta' Ottubru, 2015, bejn is-7.00 a.m. u l-4.00 p.m. (Ħin Lokali).

Mill-Ġimgħa, 2 ta' Ottubru, 2015, sas-Sibt, 3 ta' Ottubru, 2015, bejn is-7.00 a.m. u s-6.00 p.m. (Ħin Lokali).

Nhar it-Tnejn, 5 ta' Ottubru, 2015, bejn is-7.00 a.m. u s-6.00 p.m. (Ħin Lokali).

Mit-Tlieta, 6 ta' Ottubru, 2015, sal-Ħamis, 8 ta' Ottubru, 2015, bejn is-7.00 a.m. u l-4.00 p.m. (Ħin Lokali).

Nhar il-Ġimgħa, 9 ta' Ottubru, 2015, sas-Sibt, 10 ta' Ottubru, 2015, bejn is-7.00 a.m. u s-6.00 p.m. (Ħin Lokali).

Nhar it-Tnejn, 12 ta' Ottubru, 2015, bejn is-7.00 a.m. u s-6.00 p.m. (Ħin Lokali).

ARMED FORCES OF MALTA

Live Firing Programme - Pembroke Ranges - October 2015

The Armed Forces of Malta notifies that the Live firing practice will be taking place at Pembroke Ranges during the months of October 2015, and the respective dates and times are indicated hereunder:

Thursday, 1st October, 2015, from 7.00 a.m. till 4.00 p.m. (LT).

Friday, 2nd October, 2015, till Saturday, 3rd October, 2015, from 7.00 a.m. till 6.00 p.m. (LT).

Monday, 5th October, 2015, from 7.00 a.m. till 6.00 p.m. (LT).

Tuesday, 6th October, 2015, till Thursday, 8th October, 2015, from 7.00 a.m. till 4.00 p.m. (LT).

Friday, 9th October, 2015, till Saturday, 10th October, 2015, from 7.00 a.m. till 6.00 p.m. (LT).

Monday, 12th October, 2015, from 7.00 a.m. till 6.00 p.m. (LT).

Nhar it-Tlieta, 13 ta' Ottubru, 2015, bejn is-7.00 a.m. u l-4.00 p.m. (Ħin Lokali).

Nhar il-Ħamis, 15 ta' Ottubru, 2015, bejn is-7.00 a.m. u s-6.00 p.m. (Ħin Lokali).

Nhar il-Ġimgħa, 16 ta' Ottubru, 2015, mis-7.00 a.m. sal-4.00 p.m. (Ħin Lokali).

Mit-Tnejn, 19 ta' Ottubru, 2015, sat-Tlieta, 20 ta' Ottubru, 2015 bejn is-7.00 a.m. u l-4.00 p.m. (Ħin Lokali).

Nhar l-Erbgħa, 21 ta' Ottubru, 2015, sas-Sibt, 24 ta' Ottubru, 2015, bejn is-7.00 a.m. u s-6.00 p.m. (Ħin Lokali).

Nhar it-Tnejn, 26 ta' Ottubru, 2015, sal-Ġimgħa, 30 ta' Ottubru, 2015, bejn is-7.00 a.m. u l-4.00 p.m. (Ħin Lokali).

L-entitajiet kollha huma infurmati li l-FAM se jattivaw LMD-6 Pembroke low, żona b'raġġ ta' erba' (4) mili nawtiċi b'ċentru fuq il-pożizzjoni 355554N 0142832E li tgħaqqad il-punti li ġejjin 355946N 0142715E - 355829N 0143219E.

3. Il-bastimenti kollha għandhom iżommu erba' (4) mili nawtiċi bogħod mix-xatt ta' Pembroke waqt id-dati u l-ħinijiet imsemmija.

4. Għandhom jittajru bnadar ħomor fil-limiti tar-*ranges* konċernati fid-dati u l-ħinijiet imsemmija.

5. MATS għandhom jattivaw LMD 06 'Pembroke low'waqt il-ħinijiet imsemmija.

It-18 ta' Settembru, 2015

ATT DWAR IL-PROVVISTI U S-SERVIZZI
(KAP. 117)

Regolamenti tal-1975 dwar
Ċentri tas-Swieq ta' Prodotti tal-Biedja

Avviż ta' Ħinijiet ta' Ftuħ

Fl-eżerċizzju tad-dmirijiet tiegħu skont ir-regolament 4 tar-Regolamenti tal-1975 dwar Ċentri tas-Swieq ta' Prodotti tal-Biedja, id-Direttur responsabbli għas-swieq bl-ingrossa jgħarraf li nhar it-Tnejn, 21 ta' Settembru, 2015, iċ-ċentru tas-swieq ta' prodotti tal-biedja (il-Pitkalija) se tinżamm miftuħa għan-negozju skont il-ħinijiet tas-soltu:

Bdiewa	mill-5.00 a.m. 'il quddiem;
Xerrejja (bil-mixi)	mis-6.30 a.m. 'il quddiem;
Xerrejja (bil-vetturi)	mis-7.30 a.m. 'il quddiem.

It-18 ta' Settembru, 2015

Tuesday, 13th October, 2015, from 7.00 a.m. till 4.00 p.m. (LT).

Thursday, 15th October, 2015, from 7.00 a.m. till 6.00 p.m. (LT).

Friday, 16th October, 2015, from 7.00 a.m. till 4.00 p.m. (LT).

Monday, 19th October, 2015, till Tuesday, 20th October, 2015, from 7.00 a.m. till 4.00 p.m. (LT).

Wednesday, 21st October, 2015, till Saturday, 24th October, 2015, from 7.00 a.m. till 6.00 p.m. (LT).

Monday, 26th October, 2015, till Friday, 30th October, 2015 from 7.00 a.m. till 4.00 p.m. (LT).

The attention of all entities concerned is drawn to the fact that the AFM will be activating LMD-6 Pembroke low, an area with 4 NM radius centered on 355554N 0142832E joining the following points 355946N 0142715E - 35 5829N 0143219E.

3. All vessels are to keep four nautical miles (4 NM) off Pembroke coast during the above dates and times.

4. Red marker flags, indicating that the ranges are in use will be flown on the dates and times in caption from the limits of the ranges concerned.

5. MATS is to activate LMD 06 "Pembroke low" during the above times.

18th September, 2015

SUPPLIES AND SERVICES ACT
(CAP. 117)

Agricultural Marketing
Centres Regulations, 1975

Notice of Opening Hours

In exercise of his duties in terms of regulation 4 of the Agricultural Marketing Centres Regulations, 1975, the Director responsible for wholesale markets hereby notifies that on Monday, 21st September, 2015 the agricultural marketing centre (Pitkalija) shall be kept open for business at its regular times:

Farmers	from 5.00 a.m. onwards;
Hawkers (on foot)	from 6.30 a.m. onwards;
Hawkers (with vehicles)	from 7.30 a.m. onwards.

18th September, 2015

AWTORITÀ TA' MALTA DWAR
L-AMBJENT U L-IPPJANAR

Laqgħa ta' Konsultazzjoni Pubblika b'rabta mal-Istudju dwar l-Impatt Ambjentali

Se ssir laqgħa ta' konsultazzjoni pubblika b'rabta mal-Istudju dwar l-Impatt Ambjentali dwar:

TRK159436: Tneħħija ta' materjal mormi u bini ta' *unit* industrijali għar-riċiklaġġ/trattament ta' WEEE f'HHF 040, Ħal Far, Qasam Industrijali, Birżebbuġa, Malta.

(EA00003/15)

Data:	It-Tlieta, 13 ta' Ottubru, 2015
